
L-10 Edizzjoni
2001 - 2010
FORTITUDO DEI
Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa
MILL-24 TA' MARZU SAT-2 T'APRIL 2010
fil-Każin tal-Banda San Gabriel, Ħal Balzan
A.D.1920 - VO/0127
www.stgabrielbandclub.com

Każin tal-Banda
San Gabriel,
Villa Balzan,
223, Triq il-Kbira,
Ħal Balzan BZN 1252,
Malta EU.

*Website:*
www.stgabrielbandclub.com
*Email:*
info@stgabrielbandclub.com
*Tel/Fax:* +356 21445840

*Kordinaturi tal-Fuljett:*
Saviour Deguara
Silvio Cassar

*Ringrazzjamenti:*
Kumitat Ċentrali
Sotto-Kumitat Żgħażagħ
Sotto-Kumitat Nisa
Kunsill Lokali Balzan
Dun Kalċidon Vassallo
Jonathan Barbara
Kevin Camilleri
Franklin Leeks
Ramon Camilleri Mckay
Jesmond Agius
Piju Borg
Lino Ciappara
Tonio Zammit
Victor Galea
Michelle Agius
Herman Mifsud
Charlton Mintoff
Charlo Grech
Gino Stafrace
Benny Antiques
Casa Antonia
Bartoline Paints

*Issettjat u Stampat:*
Best Print Co. Ltd.
Triq iż-Żurrieq, il-Qrendi
Tel: 21 680 789, 21 649 012

*L-10 edizzjoni...*

2010

# Il-Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa

Merħba. Sa minn meta beda l-Proġett ta' estensjoni fil-Każin tal-Banda San Gabriel lura fis-sena 2004 rajna proċess sħiħ u kontinwu. Imbagħad wasalna fi stadju meta l-bini kien lest u għalhekk bdiet il-fażi ta' tlestija. U hekk ġara f'Lulju 2009 meta fil-ġimgħa tal-festa ġiet inawgurata s-Sala tal-Kumitat. U issa għall-attivitajiet tal-Ġimgħa l-Kbira sejrin ninawguraw fażi oħra ġewwa l-Każin tagħna.

U proprju fil-parti ta' estensjoni sejra tospita l-10 wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa. Iva…kburin u sodisfatti x'għamilna s'issa u għall-grazzja t'Alla wasalna sabiex bil-ħidma kbira li l-membri tagħna jafu joħolqu u jsawru, sejrin nippreżentawlkom wirja tal-Ġimgha Mqaddsa 2010 differenti mill-edizzjonijiet passati. Biżżejjed insemmu li ċ-Ċena ser tintrama f'kantina antika, post li ma jistax ikun aktar addattat. Tajjeb insemmu wkoll li fiċ-Ċena ser jiżżanżnu żewġ Appostli oħra.

Novità oħra hija l-Ġnien tal-Ġetsemani b'żewġ statwi li ser jisirqu l-għajn! M'hemmx dubju li hemm affarijiet oħra ta' interess x'taraw waqt żjara lil din il-wirja. Dan ikompli jnissel fina sens kbir għax din hija sena ferm importanti għalina meta aħna tal-Każin tal-Banda San Gabriel qegħdin niċċelebraw id-90 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà tagħna dak iż-żmien taħt l-isem ta' *Circolo San Gabriele*.

Barra din il-wirja, għal darb'oħra żommu l-appuntament magħna fil-Purċissjoni ta' Ħadd il-Palm. Purċissjoni ferm addattata għat-toroq ta' Ħal Balzan. Mit-toroq li tgħaddi l-purċissjoni b'xorti tajba, ħafna minnhom għadhom iżommu l-karatteristiċi ta' raħal tipikament Malti. U jixraq għalhekk li permezz tal-purċissjoni ta' Ħadd il-Palm inwasslulkom ir-rakkont permezz tal-viżwal dak li għadda minnu l-Messija. Dawn huma tradizzjonijiet sbieħ immens u għalhekk aħna fid-dover li nwassluhom. Dan jitlob xhur sħaħ ta' ħsieb. Imma dan nagħmluh mill-qalb.

Għalhekk filwaqt li nistidnukom sabiex tattendu ħalli tieħdu gost b'dak kollu li hemm ippreparat għalikom f'dawn il-jiem tal-attivitajiet marbuta mal-Ġimgha Mqaddsa 2010, ħajru lil ħaddiehor jiġi wkoll jara din il-wirja u xerrdu l-kelma dwar il-purċissjoni ta' Ħadd il-Palm f'Ħal Balzan. Fl-istess ħin nawguraw l-Għid it-Tajjeb lill-familja kbira li jħaddan fih dan il-Każin tal-Banda San Gabriel fis-sena li qed niċċelebraw id-90 Anniversarju mill-bidu tal-istorja tagħna - **IL-GLORJA TAL-IMGĦODDI… IL-GARANZIJA TAL-ĠEJJIENI.**

# Il-Viżti tas-Seba' Knejjes

Quddiem l-Artal tar-Repożizzjoni, nimmeditaw fuq il-kobor tal-imħabba li Kristu wriena fl-Ewkaristija.

Bidu tal-viżti: Ir-radd tas-salib.

Nitolbu: 'O Mejda Mqaddsa li fiha Kristu jittieħed bħala ikel, issir it-tifkira tal-Passjoni Tiegħu u ruħ timtela b'kull grazzja u jingħata r-rahan tal-ħajja ta' dejjem.'

### *Wara kull Viżta:*

Missierna, Sliema u Glorja għal ħames darbiet u talba għall-fehma tal-Papa. Nadurawk O Ġesù u nberkuk għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

***L-EWWEL VIŻTA***

## Il-Ħaruf tal-Għid

*Qari mill-Ktieb ta' l-Eżodu (12, 3-7)*

Il-Mulej qal lil Mose': 'Kellem lill-ġemgħa kollha ta' Israel u għidilhom: Fl-għaxra ta' dan ix-xahar kull wieħed minnkom jieħu ħaruf kull familja, wieħed kull dar… Intom iżżommuh sal-erbatax ta' dan ix-xahar, meta l-ġemgħa kollha ta' Israel toqtlu bejn inżul ix-xemx u d-dlam. Imbagħad jieħdu mid-demm tiegħu u jroxxuh fuq il-ġnub u l-blata tal-bibien fejn ikunu ser jiekluh.'

**Riflessjoni:** Dan il-ħaruf kien xbiha ta' Kristu, li ġie ssagrifikat fuq is-salib, ċarċar demmu għalina bħala prezz tal-fidwa tagħna, u mbagħad fl-Ewkaristija tana ġismu u demmu bħala ikel u xorb spiritwali tagħna. Għalhekk San Pietru kiteb (I Pt 1,19) li ġejna mifdijin 'bid-demm għażiż ta' Kristu, li kien bħal ħaruf ta' għajb u bla tebgħa.'

**Talba:** Mulej Ġesù, ħaruf bla tebgħa, vittma għal dnubietna, li fdejtna bis-sagrifiċċju tal-kalvarju, u fl-Ewkaristija ridt li tibqa' ġġedded dan is-sagrifiċċju u tkun l-għixien spiritwali tagħna, aħna nroddulek ħajr ta' mħabbtek għalina u nitolbuk tnaddafna minn dnubietna u żżommna dejjem qrib tiegħek. Ammen.

***IT-TIENI VIŻTA***

## Il-Manna xbieha tal-Ewkaristija

*Qari mill-Ktieb ta' l-Eżodu (16, 15)*

Malli wlied Israel raw dan, bdew jgħidu wieħed lill-ieħor: 'Min hu?' – għax m'għarfux x'inhu. Mose' qalilhom, 'Dan hu l-ikel li l-Mulej takom biex tixbgħu.'

**Riflessjoni:** Il-poplu tal-Liġi l-Qadima, li kien miexi fid-deżert fi triqtu lejn l-Art Imwiegħda, kien jeħtieġ il-manna 'ikel ġej mis-sema' biex jaqta' l-ġuħ tiegħu u jibqa' f'saħħtu. Aħna wkoll neħtieġu l-ikel li ġej mis-sema, biex nibqgħu b'saħħitna spiritwalment u nifilħu nkomplu mexjin fil-pellegrinaġġ lejn is-sema pajjiżna.

**Talba:** Mulej Ġesù, ħobż tal-anġli u manna tas-sema, għallimna int kif għandna nersqu nirċevuk fit-Tqarbin Imqaddes, biex ruħna tissaħħaħ b'ikel spiritwali li inti tajtna. Ammen.

# Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa 2010

- Sett statwi ġodda maħduma minn Lawrence Baldacchino.
- Xogħol maħdum mis-smid.
- Golgota, minjatura tat-triq tas-salib.
- L-aħħar ċena bi statwi *life size*, għall-ewwel darba f'kantina antika. Jiżżanżnu wkoll 2 statwi ġodda.
- Il-Ġnien tal-Ġetsemani bi statwi *life size* ġodda.
- Xena ta' Suldati Lhud.
- Il-Portiku ta' Pilatu, b'diversi Suldati Rumani.
- Il-Qabar ta' Kristu.
- Statwa ta' Kristu Rxoxt *life size*.















**Fost il-Ġimgħa:**
**6.00pm ~ 10.00pm**
**Sibtijiet, Ħdud u Festi:**
**9.00am ~ 1.00pm**
**5.00pm ~ 11.00pm**
**Ħamis ix-Xirka:**
**5.00pm ~ 12.30am**
**Ġimgħa l-Kbira:**
**8.00am ~ 12.30pm**
**5.00pm ~ 9.00pm**

››› DĦUL GĦALL-WIRJA MILL-PARTI L-ĠDIDA TAL-KAŻIN!

# Purċissjoni ta'

# Ħadd Il-Palm

## F'Ħal Balzan

**...nhar il-Ħadd 28 ta' Marzu 2010 fl-10.20am**



**ORGANIZZATA** mill-Każin tal-Banda San Gabriel,
bil-Kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Balzan

*IT-TIELET VIŻTA*

# Il-wegħda tal-Ewkaristija

*Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann (6, 51)*

'Ġesù weġibhom: 'Jien hu l-ħobz ħaj li niżel mis-sema. Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobz jgħix għal dejjem. U l-ħobz li jiena nagħti huwa ġismi għall-ħajja tad-dinja."

**Riflessjoni:** Għad li l-Lhud ma fehmuhx u tlewwmu bejniethom, iżda Kristu b'dawn il-kliem wiegħed li ser jagħti ġismu bħala Ikel u Demmu, biex il-bnedmin ikollhom il-ħajja ta' dejjem bħala xorb. Din il-wegħda Ġesù wettaqha fl-aħħar ikla tiegħu meta waqqaf l-Ewkaristija.

**Talba:** Mulej Ġesù, li għall-ħajja tad-dinja, ridt tagħtina dan ir-rigal hekk kbir tat-Tqarbin, saħħaħ fina l-fidi u t-tama tagħna biex nittamaw dejjem fil-wegħdiet tiegħek, ħalli din it-tama sħiħa tkun bħal dawl li jmexxina tul ħajjitna kollha. Ammen.

*IR-RABA' VIŻTA*

# It-twaqqif tal-Ewkaristija

*Qari mill-Evanġelju ta' San Mattew (26, 26-28)*

Huma u jieklu, Ġesù ħa l-ħobż f'idejh, qal il-barka, qasmu, newlu lid-dixxipli u qal: 'Ħudu, kulu, dan hu ġismi.' Imbagħad ħa l-kalċi u qal: 'Ixorbu lkoll minnu, għax dan huwa demmi, id-demm tal-Patt, li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet.'

**Riflessjoni:** Proprju meta l-għedewwa tiegħu kienu qegħdin iħejju sabiex jaqbduh u jagħtuh il-mewt, Kristu, awl il-lejl qabel ma miet ried jagħtina prova kbira u ċara ta' mħabbtu lejna billi ħallielna l-Ewkaristija.

**Talba:** Aħfrilna, O Ġesù, dnubietna u l-ingratitudni tagħna lejk, agħmel li nagħrfu aħjar imħabbtek u nikkorrispondu għaliha. Ammen.

*IL-ĦAMES VIŻTA*

# It-tħejjija għat-Tqarbin

*Mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl lill-Korintin (I Kor 11, 28-29)*

'Ħa jagħrbel il-bniedem lilu nnifsu, imbagħad jiekol il-ħobż u jixrob il-kalċi. Min jiekol u jixrob bla ma jagħżel minn ikel ieħor il-Ġisem tal-Mulej, ikun jiekol u jixrob il-kundanna tiegħu stess.'

**Riflessjoni:** Hija xewqa ta' Kristu li nersqu nitqarbnu ta' spiss, iżda biex nitqarbnu kif jixraq, jeħtieġ li ruħna tkun ħielsa mid-dnubiet mejta, u li nilqgħu lil Ġesù, bil-fidi u l-imħabba lejh.

**Talba:** Kebbsilna qalbna bl-imħabba tiegħek Mulej, biex inżommu 'l bogħod mid-dnub u nikbru dejjem iżjed fil-qdusija. Ammen.



## IS-SITT VIŻTA

# L-għaqda tagħna ma' Kristu

*Mill-Evanġelju ta' San Ġwann (15, 4-5)*

'Ibqgħu fija u jiena nibqa' fikom. Kif il-fergħa ma tistax tagħmel frott minnha nnifisha jekk ma tibqax fid-dielja, hekk anqas intom jekk ma tibqgħux fija. Jiena d-dielja, intom il-friegħi. Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott; għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn.'

**Riflessjoni:** It-tixbih tad-dielja u l-friegħi tagħha turina l-ħtieġa li nkunu magħqudin ma' Kristu, għax kif il-friegħi jieħdu l-għixien tagħhom mid-dielja, u jmutu jekk jitqaċċtu minnha, hekk ukoll aħna, inkunu mejtin spiritwalment jekk ninfirdu minn Kristu. Ngħożżu mela l-għaqda tagħna ma' Kristu, permezz tal-fidi fih u tal-grazzja tiegħu.

**Talba:** O Ġesù, li ridt tibqa' magħna fl-Ewkaristija, aħna nadurawk u nitolbuk li żżommna dejjem magħqudin miegħek biex qalbna ssir tixbah lil tiegħek. Ammen.

## IS-SEBA' VIŻTA

# L-għaqda tagħna l-bnedmin permezz tal-Ewkaristija

*Mill-Evanġelju ta' San Ġwann (15, 4-5)*

'Il-kalċi mbierek li fuqu ngħidu l-barka, m'huwiex għaqda mad-demm ta' Krisru? U l-ħobż li naqsmu m'huwiex għaqda mal-ġisem ta' Kristu? Għax la l-ħobża hi waħda, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed; ilkoll kemm aħna nieħdu sehem minn ħobża waħda.'

**Riflessjoni:** L-għaqda ma' Kristu għandha twassal ukoll għall-għaqda tagħna flimkien biex nistgħu nkunu 'qalb waħda u ruħ waħda.' Din l-għaqda tista' sseħħ biss fejn hemm il-karita' jew l-imħabba. U din hi sinjal li aħna veri dixxipli ta' Kristu.

**Talba:** 'Mulej Ġesù Kristu, żommna 'l bogħod minn kull xorta ta' tilwim, u fawwrilna qalbna bl-imħabba tiegħek, biex nirrispettaw u ngħinu 'l ħutna għall-imħabba tiegħek u naħdmu dejjem għall-għaqda li Inti tixtieq fostna. Ammen.



Nitolbu: O Alla, waqt li n-niket tal-ħajja donnu ma jieqaf qatt, imlina bil-fidi, bit-tama u bl-imħabba ħalli meta jkun il-waqt niġu ngawduk għall-ħajja ta' dejjem. Ammen.

Tmiem tal-viżti: Ir-radd tas-salib.

*All staff at*

FRA GIUSEPPE

*would like to extend*
*Best Wishes*
*for this event*

## San Gabriel

Pizzeria & Restaurant

**'Villa Balzan',**
**St. Gabriel Band Club,**
**Main Street – Balzan BZN 1252**
**Tel: 21 445840**

## Talaham.com

*Butcher Shop*

**1, St. Valentine Street, Balzan**

**Tel: 2149 1337 • Mob: 7949 2821**

***Website:***
**www.talaham.com**

## Deguara Ironmongery

Balzan Valley, Balzan BZN 1403
Tel: 21 440501
E-mail: deguarae@melita.com

**Mon, Tue, Thu & Fri from 7.00 to 18.30,**
**Wed & Sat from 7.00 to 13.00**

## MON LUNG LTD WOODWORKS

*Manufacturers of Doors, Windows, Furniture and Kitchens * DIY Furniture*

**2, Industrial Estate,**
**Mdina Road, Attard BZN 03**
**Tel: (+356) 21 415553 • Fax: (+356) 21 437289**
**Mobile: 9949 0566 • e-mail: monlung@waldonet.net.mt**

## Sapiano

**BAKERS & CONFECTIONERS**

*We cater*
*for all occasions*

10, St. Publius Street, Sliema
Tel: 2133 1070




## John Pullicino Est 1962

Merchants Commission Agent

ESAB

*56, Kannizzata Street, Balzan*
*Tel: (356) 21491885 • Fax: (356) 21449151*
*Mob: 99472427*
*E-mail: johnpul@maltanet.net*

Design & Printing: Best Print Ltd., Qrendi